FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar It-Tnejn 29 ta' April , 2002

**Avviz Nru:125/02 PM**

**Atlas insurance Agency Limnited**

**Vs**

**Dennis Cachia**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' erba' mija u sitta u disghin Lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm496.75c) rapprezentanti l-incident li sehh fill-25 ta' Gunju, 2001 fejn il-konvenut kien qieghed isuq il-vettura GVA 111, huwa habat mal-vettura LAF 013 misjuqa minn Saviour Ellul, u b' rizultat tal-kollizzjoni ikkawza dann lill-atturi u ghall-liema kollizzjoni kien responsabbli unikament l-konvenut minhabba traskuraggini,

imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu.

Peress illi d-danni kkawzati mill-konvenut jammontaw ghal erba' mija u sitta u disghin u hamsa u sebghin centezmu (Lm496.75c) u nonostante li l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas, huwa baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant l-atturi talbu li l-konvenut jigi ddikjarat unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, minhabba negligenza, imperizja, traskuraggni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu u li jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u sitta u disghin u  hamsa u sebghin centezmu (LM496.75c).

Bl-ispejjes inkluzi tal-ittra legali tal-25 ta' Settembru, 2001 u tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Dicembru, 2001 kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema lill-Dr.Lennart Depasquale jikkonferma bill-gurament lil-ammont ghadu ma thalllasx;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u bl-interessi skond il-Ligi.

**Av. Philip Manduca**

**Gudikatur**